**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGĦAR 2002**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Ir-Raba' Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F (A1) | F (A2) | F (B) | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 11 | 21 | 3 | 7 | 7 | 11 | 10 | 10 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | |

Kummenti

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

## TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:

Realiżmu għalija huwa sinċerità, verità, huwa dak li joħroġ mill-osservazzjoni u r-reazzjoni ta' awtur li jħoss il-ħajja, li jintlaqat intimament u jinkedd bit-tiġrib tiegħu nnifsu u ta' ħaddieħor, li jitbaqbaq, li ma jafx jilgħabha la tal-kbir, tas-superjur fuq kollox u fuq kulħadd, u anqas tad-Djoġene ċiniku li joħroġ ifittex moħħ il-bniedem bil-fanal – li jikber kemm jikber, jistagħna kemm jistagħna, jibqa' dejjem il-"little man" fis-sensiela tal-kbar ta' din l-art, li tibda mill-insett l-aktar umli u ma tintemmx fil-bhima l-aktar feroċi u l-aktar felħana, tibda mill-fqir li m'għandux ħaqq għaxja ta' lejla u ma tintemmx la fil-miljunarju u anqas fid-dittatur l-aktar assolut. (par. 1)

Jiena naħseb li jiddependi mill-personalità ta' l-awtur jekk ikunx realista jew le. Ngħidu aħna, wieħed li jkollu "sense of humour" qawwi aktarx li ma jiktebx teatru realista, għalkemm hemm l-eċċezzjoni brillanti ta' Bernard Shaw, u l-istess ingħid għal dawk li aħna nsejħulhom "filosfi". (par. 2)

Dawn huma nies li jieħdu l-ħajja biċ-ċajt, jew kif tiġi, flok jinkeddu jidħku, jekk mhux jiddieħku, għax jaraw, kif jgħidu l-Ingliżi, "the bright side of things". Għall-kuntrarju, wieħed li jieħu l-ħajja bis-sod, li ma jafx jieħu ċajta, li jinkedd, jisħon u jitbaqbaq għal ħaġa ta' xejn, bniedem li tagħmel bih l-emozzjoni, dan bilfors li jkollu tendenza akbar lejn ir-realiżmu. (par. 3)

Ir-realista jrid iqiegħed fuq il-palk f'termini immedjati l-imrar, l-ironija, il-kapriċċi, l-inġustizzja, l-istramberiji bla ruħ tal-ħajja kulfejn isibhom, u jsibhom f'liema għamla jsibhom. Ir-realiżmu huwa riproduzzjoni ta' l-umanità fir-relazzjonijiet tagħha mal-valuri materjali u spiritwali; ir-reazzjoni tal-"little man" meta jiltaqa' mal-qalb iebsa, jekk mhux l-indifferenza, ta' l-awtoritajiet li jintilfu fl-ideali tal-massa, fi problemi kbar, u jinsew lill-individwu, tal-bniedem dejjem żgħir f'idejn id-dadi impersonali tal-ħajja u x-xorti; u dan kollu muri bi kliem u espressjonijiet naturali minn fomm persunaġġi naturali f'ċirkostanzi naturali. (par. 4)

Jiltaqa' mal-mara li tgħożż lill-iben li kulħadd jinbex u jinki għax belhani, mal-bniedem li jaħti u jkollu jħallas id-deċmi li trid mingħandu s-soċjetà, mal-marid li jħallas hu għall-kapriċċi tan-natura, mal-għani li għandu jieħu erba' soldi mingħand il-fqir u jeħodhomlu, imqar minn demmu, għax dritt tiegħu – u jinkedd, iħoss, u dawn l-inċidenti li jiġru ta' kuljum fil-ħajja, iqegħedhom fuq il-palk, f'termini immedjati, kemm jista' jkun kif jiġru u għalhekk oġġettivament kemm jista' jkun. (par. 5)

*(silta meħuda mill-ktieb "WARA IBSEN" ta' Ġużè Diacono, pp. 50-52)*

## A. FEHIM IT-TEST *(11-il marka)*

1. X'inhi dik il-ħaġa li tinfluwenza ħafna fuq l-awtur jekk ikunx kittieb realistiku jew le? (par. 2)

_______________________________________________ (marka)

2. Kif irid ikun x'aktarx awtur biex jikteb dramm realistiku? Semmi żewġ ħwejjeġ. (par. 2/3)

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

3. Xi jdaħħal fil-kitba tiegħu kittieb realista? Semmi mill-anqas żewġ ħwejjeġ. (par. 4)

_______________________________________________ (marka)

4. Fisser: “Ir-realiżmu huwa riproduzzjoni ta’ l-umanità fir-relazzjoni tagħha mal-valuri materjali u spiritwali.” (par. 4)

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

5. Għid, *fi kliemek*, x’taħseb li hu r-realiżmu ta’ awtur hekk kif jidher mis-silta kollha.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

6. X’taħseb li jrid jgħid bih il-kittieb it-terminu “little man”? (par. 1 u 4)

_______________________________________________ (marka)

7. Int taqbel ma’ kitba ta’ dramm realistiku? Għaliex? Jew tippreferi xi ħaġa oħra?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA** *(21 marka)*

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Sib u imla fil-vojt kif mitlub/a :

| | | |
|---|---|---|
| i. | Verb Irregolari mit-3 paragrafu | |
| ii. | Verb fis-7 forma mill-1 paragrafu | |
| iii. | Verb fl-10 forma mill-1 paragrafu | |
| iv. | Verb fin-Negattiv mit-2 paragrafu | |
| v. | Aġġettiv fil-Grad Superlattiv mill-1 paragrafu | |
| vi. | Nom Verbali fil-Plural mill-1 paragrafu | |
| vii. | Stat Kostrutt mill-1 paragrafu | |
| viii. | Verb, fil-5 paragrafu, li hu msawwar fit-3 forma, b’mehmuż miegħu l-Pronom Mehmuż tat-3[et] Persuna Plural. | |
| ix. | “Jiltaqa’” (par. 4). Trilitteru jew Kwadrilitteru? | |
| x. | “jsibhom” (par. 4). X’tip ta’ Verb Dgħajjef hu? | |

(10 marki)

2. Agħti l-Għerq u l-Partiċipju Passiv Femminil ta’ “jqiegħed” (par. 4) :

____________________ u ____________________ (2 marki)

**LESSIKU/VOKABULARJU**

3. Fisser kif użati fis-silta :

| | | |
|---|---|---|
| i. | felħana (par. 1) | |
| ii. | għaxja ta' lejla (par. 1) | |
| iii. | tendenza (par. 3) | |
| iv. | riproduzzjoni (par. 4) | |

(4 marki)

4. Agħżel u ikteb żewġ kelmiet ta' nisel romanz mit-tieni paragrafu.

____________________ u ____________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

5. Għal xiex qed jirreferu ż-żewġ pronomi mehmużin, kemm id-dirett kif ukoll l-Indirett, fil-kelma "jeħod **hom** **lu**"? (par. 5)

hom: ____________________ , lu: ____________________ (marka)

6. X'funzjoni grammatikali għandhom l-ittri b'sing taħthom?

"jilgħab**ha**" (par. 1) ____________________________________________

"**j**intilfu" (par. 4) ____________________________________________ (2 marki)

**SINTASSI**

7. Biddel dan li ġej mingħajr ma tbiddel it-tifsira tiegħu.
"…mal-bniedem li jaħti u jkollu jħallas id-deċmi li trid mingħandu s-soċjetà,…" (par. 5)

Is-soċjetà ____________________________________________________________

____________________________________________________________ (marka)

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** *(3 marki)*

**IDJOMI U QWIEL**
Agħżel *Waħda Biss* minn (a) jew (b)

a) Agħżel l-Idjoma t-tajba mil-lista mogħtija flok il-frażi b'sing taħtha.

| |
|---|
| qiegħed fuq in-nar, id f'id, qisu ħobż u sikkina, beda jara l-kwiekeb bil-ġuħ, bejn sema u ilma, trid tkun miegħu bħan-nar max-xemgħa. |

Toni *għandu ġuħ kbir* ____________________ iżda *ma kellux sabar jistenna, kien mgħaġġel* kien qisu ________________________________ biex ilesti x-xogħol li kien beda u għalhekk ma kielx. Barra minn hekk, kien ukoll inkwetat għax ma' Ninu *ried joqgħod attent minnu l-ħin kollu* ________________________________ għax malajr idaħħlek fl-ixkora.

**JEW**

b) Uża dak il-Qawl li inti taħseb li l-aktar joqgħod għal dawn is-sentenzi.

| | |
|---|---|
| i. | Bl-iskuża li kienet ma' Marija Tanja daħlet b'xejn id-disco. |
| | |

| | |
|---|---|
| ii. | Ommi dejjem tgħidli li l-qawmien kmieni ta' fil-għodu jġegħelni nħossni aħjar. |
| | |

| | |
|---|---|
| iii. | "Jekk trid li lil uliedek ittellagħhom sew kun iddixxiplinat magħhom u mhux tfissidhom biss," qaltli ommi. |
| | |

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV *(7 marki)*

Agħżel W*aħda Biss* minn dawn it-tnejn li ġejjin.

1. Fir-raħal ta' Ħal Muxi qam ħafna inkwiet minħabba l-bini tad-djar, li għal xi wħud kien imgħaġġel u bla pjan ta' xejn, u minħabba l-konfini ma' Ħal Tartarni. Inti, bħala s-segretarju tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Muxi, ikteb ittra ta' tweġiba għal ittra li ntbagħtet lill-Kunsill mill-Għaqda "Ambjent Aħjar Għal Ħal Muxi". L-Indirizz tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Muxi huwa 56, Triq San Stiefnu, Ħal Muxi MXI 10. Ikteb madwar 80 kelma.

JEW

2. Stħajjel li inti Ċinzja, Helen jew Simon ir-Reggae (stħajjel li għadu ħaj). Mit-tagħrif li ħadt minn "Jinqabad Bid-Drogi", ikteb lista ta' 8 pariri li tagħti lil xi ħaddieħor biex ma jagħmilx l-istess żbalji tiegħek. **Ikteb fl-ispazju pprovdut.**

- 
- 
- 
- 
- 
- 
- 
- 

| E. | TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – L-IDEA TAL-LINGWA | *(7 marki)* |
|---|---|---|

Ikteb, f'forma ta' punti, 7 ħwejjeġ li tgħallimt mill-proġett "L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija" li ħdimt fuqu din is-sena.

- 
- 
- 
- 
- 
- 
- 

| F. | LETTERATURA | *(31 marka)* |
|---|---|---|

A. **QAWSALLA – L-AMBJENT NATURALI**

1. Wieġeb ***kollox.***

(i) Kif isejjaħlu l-Moll il-poeta Carmel Attard?

________________________________________ (marka)

(ii) Għalfejn Ġorġ Zammit, fil-poeżija "Għajn Riħana", irid li jieħu l-għanja tan-nixxiegħa?

________________________________________

________________________________________ (marka)

(iii) Fejn isib "it-Trejqa tal-Mistrieħ" Marjanu Vella fil-poeżija "Ħitan tas-Sejjieħ"?

________________________________________(marka)

(iv) X'tip ta' poeżija hija "Nofs in-Nhar Sajfi" ta' Rużar Briffa? (Saffika, Sunett Petrarkjan, Sunett Shakesperjan)

________________________________________(marka)

(v) Karatteristika komuni ħafna fil-poeżiji ta Anton Buttigieg hija l-idea li fil-kruha hemm il-ġmiel. Fisser dan b'referenza għal "Il-Miżieb".

________________________________________

________________________________________ (marka)

(vi) Imla l-vojt fejn meħtieġ f'dawn il-versi tal-poe-proża "Iż-Żabra" ta' Victor Fenech.

a) "Imbagħad ġewwa l-misraħ ilbieraħ, bi srieraq u slielem armati, ġew erba' ____________________ . (marka)

b) "U s-siġra la tniffset, ____________________ la lissnet, la karba t'uġigħ." (marka)

ċ) "U baqa' ġo moħħi l-lejl kollu, bla friegħi bla weraq bla tjur u bla kenn, ________________________________________ . (2 marki)

(vii) X'niżżel ġo ħobbu minn fuq Gelmus Ġorġ Zammit?

________________________________________ (marka)

(viii) Fil-poeżija "L-Għajn fil-Misraħ", ta' Joe Friggieri, isseħħ bidla traġika. Waħda sseħħ fid-dinja fiżika ta' madwarna meta ngħalqet l-għajn fil-misraħ, u l-oħra sseħħ ________________________________________

________________________________________ (marka)

2. Għid, fi kliemek, u f'mhux aktar minn **80 kelma**, x'jiġri fi "L-Għanja tas-Seba' Niċeċ" ta' Ġorġ Zammit jew fi "Żjara lil Ġesù" ta' Dun Karm Psaila. **Wieġeb fuq karta separata.**

(10 marki)

B. **PROŻA/DRAMA**

**“L-ISQAQ”** ta’ Ġużè Chetcuti u **“SATIRA”** ta’ Oreste Calleja.

Wieġeb il-mistoqsija li ġejja.

Fi “L-ISQAQ” ta’ Ġużè Chetcuti nsibu storja dwar it-tbatija tan-nies li twassalna biex nibku, fil-waqt li f’“SATIRA” ta’ Oreste Calleja nsibu storja tan-nies li twassalna biex nidħku, avolja hemm it-tbatija wkoll.” Ikkummenta dwar dan f’5 sentenzi. **Wieġeb fuq karta separata.** (10 marki)

## Ġ. KOMPONIMENT *(20 marka)*

Agħżel **WIEĦED.** Ikteb madwar 350 kelma fuq **karta separata.**

1. Il-lejl iġib il-mistrieħ. Mhux għal kulħadd. Hemm min jibqa’ mqajjem.
2. Gaġġa.
3. Il-ħajja tal-baħar.
4. Li tkun magħruf huwa dejjem ta’ vantaġġ?
5. Rajt kelb muġugħ b’ferita f’siequ fi ġnien pubbliku.
6. Ħdejn xiħ/a għakka fuq bank.